Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-4 ta' April 2008 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) ta' Vodafone House, Imsida Valley Road, Birkirkara, ippreżentaw Talba fl-10 ta' Diċembru 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Krystle Marie Caruana (ID194384M) ta' 116, Flat 4, Triq San Nikola, Valletta, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,560.07 (Lm669.74) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (895/07RFA) hija differita għat-30 ta' Mejju 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Mejju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 4th April 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) of Vodafone House, Imsida Valley Road, Birkirkara filed a Claim on the 10th December 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Krystle Marie Caruana (ID194384M) of 116, Flat 4, Triq San Nikola, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of €1,560.07 (Lm669.74) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 895/07RFA) is put off on the 30th May 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th May 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

761

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-29 ta' April 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 99/2006 GCD, fl-ismijiet Valletta Joseph etvs Borg Joseph et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà kjamata in kawża H.F. Investments Ltd, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Frar 2006, fl-ismijiet Joseph u Rose konjuġi Valletta (ID 833945M u ID Nru. 340049M rispettivament) kontra Joseph Borg (ID nru. 724262M) u Alfred C Borg (ID nru. 75838M) l-atturi talbu bir-rispett biex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara …omissis… li l-atturi sofrew ħsarat u danni ġewwa d-dar residenzjali tagħhom bħala riżultat tax-xogħlijiet ta' tħaffir, tqattigħ, skavar u żvilupp intrapriż u/jew ikkummissjonat mill-konvenuti ġewwa l-proprjetà/sit li tinsab fi Triq il-Kbira, Tarxien.

2. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għall-ħsarat u d-danni sofferti mill-atturi fid-dar residenzjali tagħhom;

3. Tillikwida l-ħsarat u d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jsewwu l-ħsarat kkanġunati taħt sorveljanza ta' perit li jiġi nnominat minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas l-atturi jiġu awtorizzati jagħmlu l-istess tiswijiet taħt is-sorveljanza ta' l-istess perit a spejjeż tal-konvenuti jew alternattivament tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi l-ħsarat u d-danni kif illikwidati.

Bl-ispejjeż …omissis... kontra l-konvenuti inġunti in subizzjoni.

Lista ta' Xhieda

Lista ta' dokumenti

Notifika: 129, Naxxar Road, Birkirkara.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 99/2006 GCD fl-ismijiet Valletta Joseph et vs Borg Joseph et, jinsab iddiferit għall-1 ta' Lulju 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Mejju 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 29 th April 2008,in the records of the Sworn Application No. 99/2006 GCD, the names Valletta Joseph et vs Borg Joseph et, ordered the following publication for the purpose of service of the company called in suit H.F. Investments Ltd. in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed the Civil Court First Hall on the 8th February 2006, in the names Joseph and Rose spouses Valletta (ID 833945M and ID No 340049M respectively) against Joseph Borg (ID no.724262M and Alfred C Borg,(ID No. 75838M) the plaintiffs asked with respect this Honourable Court to:

1. Declare …omissis… that the plaintiffs suffered damages at their residence as a result of works consisting in digging, cutting, excavation and development undertaken and/or commissioned by the defendants in the property/site located in Triq il-Kbira, Tarxien.

2. Declare the defendants responsible for the damages suffered by the plaintiffs at their residence;

3. Liquidate the damages suffered by the plaintiffs if necessary with the assistance of court experts;

4. Condemn the defendants so that in a short and peremptory time they repair the damages under the supervision of an architect nominated by this Honourable Court and in default the plaintiffs be authorised to carry out the same repairs under the supervision of the same architect at the defendants' expense or alternatively condemn the defendants to pay the plaintiffs the damages so liquidated.

With costs …omissis... against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Witnesses

List of documents

Service at: 129, Naxxar Road, Birkirkara.

The Sworn Application no. 99/2006 GCD in the names Valletta Joseph et vs Borg Joseph et has been put off to the 1st July 2008 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 8th May, 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

762

IKUN jaf kullħadd illi b'digriet tat-8 ta' April 2008, mogħti mill-Qorti tal-Prim Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified that by a decree of the 8th April 2008 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-6 ta' Mejju, 2008 fuq rikors ta' FARRUGIA ANTHONY CO LTD ġie ffissat il-jum ta' Tlieta, 27 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-4 ta' Marzu, 2008 li għandu jsir f'15, TELGĦET SPENCER, MARSA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SCERRI MARIO.

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 6th May, 2008 on the application of FARRUGIA ANTHONY CO LTD, Tuesday, 27th May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 4th March, 2008 to be held at 15, SPENCER HILL, MARSA of the following items seized from the property of SCERRI MARIO.

Cookers, imwejjed, fryers, gradenza, xkaffar, alarm clocks, hair dryers u ħafna affarijiet oħra.

Cookers, tables, fryers, chest of drawers, shelving, alarm clocks, hair dryers and many other items.

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-8 ta' April, 2008 fuq rikors ta' ANTHONY FARRUGIA CO LTD ppreżentat fil-31 ta Jannar 2008 l-imsemmija kumpanija talbet li tagħmel offerti Animo Compensandi fil-Bejgħ bl-Irkant 11/08 fl-ismijiet: Anthony Farrugia Co Ltd vs Mario Scerri.

By decree given on 8th April 2008 CIVIL COURT FIRST HALL on an application filed on 31st January, 2008 by ANTHONY FARRUGIA CO LTD, the said company is asking to make bids Animo Compensandi in the Sale by auction 11/08 in the names; Anthony Farrugia Co Ltd vs Mario Scerri.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2008.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 8th May, 2008.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

763

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fi 5 ta' Mejju, 2008 fuq rikors ta' XUEREB AUSTIN ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 11 ta' Ġunju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' 5 ta' Mejju, 2008 li għandu jsir f' 149 TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand CARUANA FRANS.

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 5th May, 2008 on the application of XUEREB AUSTIN, Wednesday, 11 June, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 5 May, 2008 to be held at 149, STRAIT STREET, VALLETTA of the following items seized from the property of CARUANA FRANS.

TV bis-surround system, DVD players u TV unit.

TV and surround system, DVD players and a TV unit.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 9th ta' Mejju, 2008.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 9th May, 2008.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS)
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

MICHAEL PORTELLI BA (HONS)
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

764

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-3 ta' April 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-3 ta' April 2008, fuq talba ta' Dott. Luigi A. Sansone noe ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimata SARL RAZIK COM IMPORT/ EXPORT, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat nru 314/08RCP fl-ismijiet Dr Luigi A. Sansone noe vs. Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors maħluf ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Johnson & Johnson, soċjetà estera ta' nazzjonalità Amerikana b'indirizz ta' One Johnson & Johnson Plaza, New Brunswick, New Jersey, Stati Uniti ta' l-Amerika vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Sarl Razik Com Import/Export ta' Cite 488 Log BL 01 No.07 – Badjarah, Algiers, l-Alġerija, fl-1 ta' April 2008, ir-rikorrenti nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oġġetti konsistenti fi kwantità ta' prodotti ta' kura u ndafa tal-ġilda ...omissis...li jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container CRXU 9172755 kontenenti l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-, u għas-spejjeż tal-konvenuta;

(3) tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effetti li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ...omissis...

It is hereby notified that by means of a decree of the 3 rd April 2008, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 3 rd April 2008, following a request by Dr Luigi A. Sansone noe it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the respondent SARL RAZIK COM IMPORT/ EXPORT, in the records of the Application 314/08RCP in the names Dr Luigi A. Sansone noe vs. Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of the Sworn Application filed in the First Hall Civil Court in the names Dr Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of the foreign company Johnson & Johnson, a foreign company of American nationality with the address One Johnson & Johnson Plaza, New Brunswick, New Jersey, United States of America vs Deputy Curators to represent Sarl Razik Com Import/Export ta' Cite 488 Log BL 01 No.07 – Badjarah, Algiers, Algeria, on the 1 st April 2008, the applicant nomine asked this Honourable Court to:

(1) declare that the objects consisting in a quantity of care and cleansing skin products...omissis...which at present are under the authority of the Comptroller of Customs after he suspended the release of container CRXU 9172755 which contained the said objects, contravened the intellectual property rights of the plaintiff company;

(2) order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the channels of trade in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or order the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without any compensation to, and at the cost of the defendant;

(3) to take or order the Comptroller of Customs to take as regards those objects any other measures that shall have the effect to deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

(4) order the defendant to bear all the costs connected with the ordered measures ...omissis...

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista ta' Xhieda

Elenku ta' dokumenti

Attur nomine Avukat Dott. Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Johnson & Johnson, socjetà estera ta' nazzjonalità Amerikana b'indirizz ta' One Johnson & Johnson Plaza, New Brunswick, New Jersey, Stati Uniti ta' l-Amerika,84 Melita Street, Valletta VLT 12.

Konvenuta: Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Sarl Razik Com Import/Export ta' Cite 488 Log BL 01 No.07 – Badjarah, Algiers, l-Alġerija –Il-Qorti, Valletta..

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Imħallef Raymond C. Pace LL.D.

Illum 3 ta' April 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Mejju 2008.

AVV DOTT FRANK PORTELLI LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs, against the defendant who is from now summoned so that a reference to its evidence may be made.

List of witnesses

List of documents

Plaintiff nomine DrLuigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of Johnson & Johnson, a foreign company of American nationality with the address One Johnson & Johnson Plaza, New Brunswick, New Jersey, United States of America,84 Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant Deputy curators to represent Sarl Razik Com Import/Export ta' Cite 488 Log BL 01 No.07 – Badjarah, Algiers, Algeria ,Courts of Justice Valletta.

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr.Justice Raymond C. Pace LL.D.

Today 3rd April 2008.

Registry of the Superior Courts, today 9th May 2008.

ADV..DR FRANK PORTELLI LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

765

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-8 ta' Awissu 2006, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-8 ta' Awissu 2006, fuq talba tal-Bank of Valletta p.l.c., ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Soċjetà Muson Company Ltd, fl-atti tal-rikors, fl-

It is hereby notified,that by means of a decree of the 8th August 2006, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 8th August 2006, following a request by Bank of Valletta p.l.c. it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent company Muson Company Ltd,, in the records of

ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali, ippreżentata, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, lil Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrapreżentaw lis-soċjeta' Muson Company Limited (C 24471), fit-28 ta' Lulju 2006, s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. interpellat lis-soċjetà intimata sabiex iħallsu s-somma ta' €38,782.86 (Lm16,649.48) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Accounts' taghha, mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mis-26 ta' Ġunju 2006, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija ser tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Notifika: Kuraturi Deputati et noe, Kamra ta' l-Avukati, Qrati Superjuri, Valletta.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l- Onor.Imħallef Joseph R. Micallef LL.D.

Illum 8 ta' Awissu, 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Mejju 2008.

AVV DOTT FRANK PORTELLI LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a judicial Letter, filed in the First Hall Civil Court, agasinst Deputy Curators appointed to represent the company Muson Company Limited (C 24471) on the 28th July 2006, the company Bank of Valletta p.l.c. called upon the respondent to pay the sum €38,782.86 (Lm16,649.48) balance of debt in its 'Loan Accounts' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 26th June 2006, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against according to law.

Notify: Deputy Curators et noe, Chamber of Advocates, Superior Courts, Valletta.

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Joseph R. Micallef LL.D.,

Today 8th August, 2006.

Registry of the Superior Courts, today 9th May, 2008.

ADV.DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

766

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet tas-6 ta' Mejju, 2008, ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att ta' Twelid ta' Brenda-Lynn Scerri li jġib in-numru 564 tas-sena 1981, fis-sens illi l-isem "Branda-Lyne" jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem "Brenda-Lynn".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili
Illum, nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju, 2008.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.
Għar-Reġistratur,
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 6th of May, 2008, ordered the correction of the Act of Birth of Brenda-Lynn Scerri bearing number 564 of the year 1981, in the sense that the name "Branda-Lyne" is to be cancelled, and written instead "Brenda-Lynn".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts.
Today, Tuesday 6th of May, 2008.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.
F/ Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

767

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' April 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fil-11 ta' Jannar 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Frankie Camilleri ta' 57, Triq it-Tarzna, Paola, sabiex jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €664.27 (Lm285.17) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (52/08PBC) hija differita għall-20 ta' Mejju 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Mejju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 8th April 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 11th January 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Frankie Camilleri of 57, Triq it-Tarzna, Paola, to pay the plaintiff company the sum of €664.27 (Lm285.17) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 52/08PBC) is put off on the 20th May 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th May 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

768

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' April 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fil-11 ta' Jannar 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Noel Mallia ta' 107, Triq il-Flotta, Gżira, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €424.23 (Lm182.12) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (47/08PBC) hija differita għall-20 ta' Mejju 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Mejju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 8th April 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 11th January 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Noel Mallia of 107, Triq il-Flotta, Gżira, to pay the plaintiff company the sum of €424.23 (Lm182.12) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 47/08PBC) is put off on the 20th May 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th May 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

769

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' April 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fil-11 ta' Jannar 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Marc Von Brockdorff ta' 82a, Triq il-Wied, Birkirkara, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €219.45 (Lm94.21) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (40/08PBC) hija differita għall-20 ta' Mejju 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Mejju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 8th April 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 11th January 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Marc Von Brockdorff of 82a, Triq il-Wied, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €219.45 (Lm94.21) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 40/08PBC) is put off on the 20th May 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th May 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

770

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' April 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fil-11 ta' Jannar 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Anthony Schembri ta' 84, Flat 4, St Helen Flats, Triq il-Qasab, Birkirkara, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €445.84 (Lm191.40) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (42/08PBC) hija differita għall-20 ta' Mejju 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 12 ta' Mejju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 8th April 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 11th January 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Anthony Schembri of 84, Flat 4, St Helen Flats, Triq il-Qasab, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €445.84 (Lm191.40) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 42/08PBC) is put off on the 20th May 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 12th May 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

771

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti tal-Appell, permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Mejju 2008, fl-atti tal-Appell Numru 10/08, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Kevin Maurice Falzon, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, bis-segwenti 'Occhio' 'Wara d-Deċiżjoni tat-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, fil-kawża ta' Nullità ta' żwieġ fl-ismijiet: Charmaine Spiteri (Detentriċi tal-Karta tal-Identità 489371M) v Kevin Maurice Falzon (Detentur tal-Karta tal-Identità 452269M)' fis-16 ta' April 2008, mir-rikorrenti Charmaine Spiteri, a tenur ta' l-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255) tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess rikorrenti esponiet bir-rispett:

Illi l-esponenti u l-intimat huma ċittadini Maltin domiċiljati f'Malta.

Illi huma żżewġu fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa, fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju, tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin, liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, skond kif jirriżulta mill-anness dokument immarkat Dok. A.

Illi iż-żwieġ tagħhom ġie dikjarat null b'sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta tat-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) (Dok. B) u kkonfermata b' Digriet ta' Ratifika maħruġ mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza (Dok. Ċ) liema sentenza hija definitiva u esekuttiva skond il-liġi (Dok. D);

Illi ma hemmx sentenza kontrarja minn ebda Qorti ta' Malta.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tordna r-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni tan-nullità taż-żwieġ tal-partijiet fuq indikata, mogħtija, kif imsemmi mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta, kif ratifikata mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza, ai termini tal-Att taż-Żwieġ (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta) u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra kif imiss id-deċiżjoni definittiva skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istess Att.

Bl-ispejjeż.

Dok. A. Ċertifikat taż-Żwieġ.
Dok. B. Sentenza mogħtija mit-Tribunal Ekklesjastiku.
Dok. C. Sentenza tat-Tribunal tat-Tieni Istanza.

Dok. D. Digriet ta' Esekuttività.

Rik. 15, Sliem, Triq Ġużeppi Ellul, Luqa.

Notifiki: Intimat: Kevin Falzon, Vancouver, St. Rita Street, Birżebbuġa.

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, il-Belt, Valletta.

It is hereby notified, that the Court of Appeal, by means of a decree given on the 6th May 2008, in the records of the Appeal Number 10/08, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Kevin Maurice Falzon, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed the Court of Appeal, with the following 'Heading' 'Following the Decision of the Regional Tribunal of Second Instance of the Archbishop's Curia of Malta, in the cause of Nullity of marriage in the names: Charmaine Spiteri (Holder of Identity Card 489371M) v Kevin Maurice Falzon) Holder of Identity Card 452269M)' on the 16th April 2008, by the applicant Charmaine Spiteri, in terms of the Marriage Act (Chapter 255) of the Laws of Malta, the same applicant pleaded with respect:

That the interpellant and the respondent are Maltese citizens domiciled in Malta.

That they were married in the Parrochial Church of Luqa, on the twenty eight (28) of July of the year one thousand nine hundred and ninety five, which marriage was registered in the Public Registry as results from the attached document marked Doc. A.

That there marriage was declared null by a judgement given by the Metropolitan Tribunal of Malta of the thirteeth (30) of October of the year two thousand and six 2006) (Doc. B) and confirmed by a Decree of Ratification issued by the Regional Tribunal of Second Instance (Doc. C) which judgement is definitive and executable according to law (Doc. D);

That there is no contrary judgement from any Maltese Court;

Thus the interpellant prays with respect that this Honourable Court orders the registration of the decision of nullity of marriage of the parties above indicated, delivered, as mentioned by the Metropolitan Tribunal of Malta, as ratified by the Regional Tribunal of Second Instance, in terms of the Marriage Act (Chapter 255 of the Laws of Malta) and consequently order the Director of Public Registry, to register as should be, the defintive decision, according to the provisions of the same Act.

With costs.

Doc. A. Certificate of Marriage.
Doc. B. Judgement given by the Ecclesiastical Tribunal.
Doc. C. Judgement given by the Regional Tribunal of Second Instance.
Doc .D. Decree ordering Execution.

Applicant. 15, Sliema, Ġużeppi Ellul Street, Luqa.

Service: Respondent: Kevin Falzon, Vancouver, St. Rita Street, Birżebbugia.

Director Public Registry, Valletta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli tal-Kurja) illum 12 ta' Mejju 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts (Kurja Appeals) today 12th May 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

772

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Novembru 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 301/07NC,fl-ismijiet Okeke Daddy Augustine v Direttur tar-Reġistru Pubbliku et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Abdul Alhakem Ben Salem, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-19 ta' Lulju 2007, fl-ismijiet Daddy Augustine Okeke kontra 1. Direttur tar-Reġistru Pubbliku 2. Donatella Bartolo (ID 517083); 3. Dott. Patrick Valentino u P.L. Veronica Rossignaud, li b'digriet tas-7 ta' Awissu 2007, ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri ..Omissis..; 4. Abdul Alhakem Ben Salem, ir-rikorrent umilment talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Tiddikjara illi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi l-intimat Abdul Alhakem Ben Salem ma huwiex il-missier naturali tal-minuri ..Omissis..;

2) Tiddikjara illi r-rikorrenti huwa l-missier naturali tal-minuri ..Omissis..;

3) Tordna illi Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri ..Omissis.., billi f'dik il-parti dedikata għad-dettalji tal-missier it-tarbija, fejn hemm mitlub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem "Abdul Alhakem Ben Salem", jiġi ssostitwit b'"Daddy Augustine Okeke", u fejn hemm miktub "Tripli, Libya" jitniżżel "Lagos, Nigeria".

Bl-ispejjeż u l-intimati nġunti għas-subizzjoni.

Lista tax-Xhieda

Lista tad-dokumenti

Notifika: Dormer Flats, Flat 4, Triq ix-Xitwa, San Pawl il-Baħar.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 301/07NC fl-ismijiet Okeke Daddy Augustine, kontra Direttur tar-Reġistru Pubbliku et, jinsab iddiferit għas-26 ta' Ġunju 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 12 ta' Mejju 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 15th November 2007, in the records of the Sworn Application No. 301/07NC in the names Okeke Daddy Augustine v Director Public Registry et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Abdul Alhakem Ben Salem in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed the Civil Court (Family Section) on the 19th July 2007, in the names in the names Daddy Augustine Okeke against 1. Director Public Registry 2. Donatella Bartolo (ID 517083); 3. Dr Patrick Valentino and P.L. Veronica Rossignaud, who by decree of the 7th August 2007, were nominated as deputy curators to represent the minor ..Omissis..; 4. Abdul Alhakem Ben Salem, the applicant humbly prayed, this Honourable Court to:

1) Declare for all the effects and purposes of law that the respondent Abdul Alhakem Ben Salem, is not the natural father of the minor ..Omissis..;

2) Declare that the applicant is the natural father of the minor ..Omissis..;

3) Order the Director Public Registry to amend the act of birth of the minor ..Omissis.., in that part dedicated to the details of the child's father, where the name and surname of the father of the child are written, the name "Abdul Alhakem Ben Salem" be substituted with "Daddy Augustine Okeke", and where there is written "Tripli, Libya" they be replaced by "Lagos, Nigeria".

With costs and the respondents are summoned so that a reference to their evidence be made.

List of witnesses

List of documents

Service at: Dormer Flats, Flat 4, Winter Street, St Paul's Bay.

The Sworn Application No. 301/07NC, in the names Okeke Daddy Augustine against Director Public Registry et, has been put off to the 26th June 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 12 th May 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*